***Ruling* mogħti mis-Sedja fis-Seduta 436 tat-8 ta' Marzu 2021 dwar ilment ta' ksur ta' privileġġ imqajjem mill-Kap tal-Oppożizzjoni**

Fis-Seduta 435 tat-3 ta' Marzu 2021 l-Onor. Bernard Grech, Kap tal-Oppożizzjoni, talab lis-Sedja:

> "**ONOR. BERNARD GRECH:** Sur President, nixtieq nirrapporta ksur ta' privileġġ u nitlob lis-Sedja biex tagħti protezzjoni meħtieġa lil Membru tal-Kamra, f'dan il-każ jien, għaliex għadni kif ġejt informat illi ftit aktar kmieni llum, waqt din is-seduta, ġie rrapportat dak li suppost intqal bejni u bejn id-Deputat Prim Ministru f'din il-Kamra lbieraħ. Huwa veru illi lbieraħ id-Deputat Prim Ministru avviċinani wara li tkellem u għamel dik ix-xeneġġata kollha u d-diskors kien: Jekk għandek xi informazzjoni dwar xi abbuż, – peress li jien semmejt Ħ'Attard u x'qed jiġri fis-sistema tas-saħħa għax qed jinqabżu n-nies vulnerabbli u jien għedt "Nispera illi mhux il-każ" – għidilhieli ħalli ninvestigawha. Imbagħad, meta qalli jew ipprova jirreferi dwar dak li kien allega hu dwar Deputat tal-Partit tiegħi, tal-grupp parlamentari, illi b'xi mod talab lilu personalment biex jaqbeż il-kju tal-vaċċin ħalli jingħata l-vaċċin qabel ħaddieħor meta mhux intitolat kif allega lbieraħ, jien għedtlu "L-informazzjoni li għandi jien hija li xi ħadd talab lid-Deputat tiegħi biex jingħata l-vaċċin u d-Deputat tiegħi rrifjuta." U proprju kont qed nirreferi għad-Deputat Claudette Buttigieg illi fil-fatt illum stess hija talbet lid-Deputat Prim Ministru jgħid hux qed jirreferi għaliha u huwa kkonferma li mhux il-każ.
>
> Ninformak ukoll, Sur President, li l-Onor. Claudette Buttigieg informatni minnufih, malli ġara l-inċident, qabel ma lbieraħ saret l-allegazzjoni u għaliex hi mill-ewwel ħasset li dik kienet manuvra biex jipprova jinqabad xi ħadd mill-Oppożizzjoni illi qed jikser il-liġi jew b'xi mod l-etika. Allura, Sur President, jien għandi bżonn il-protezzjoni tiegħek għaliex jien għandi ħafna rispett lejn kulħadd f'din il-Kamra, għandi ħafna rispett lejn din l-istituzzjoni, però mhuwiex aċċettabbli illi jkun hawn xi ħadd, ikun min ikun, illi b'xi mod jitkellem b'mod differenti jew jirrapporta b'mod żbaljat dak li jintqal, partikolarment f'konverżazzjoni privata. Mhux veru li lid-Deputat Prim Ministru jien għedtlu, u dan niċħdu kategorikament, li jien naf għal min qed jirreferi. Mhu veru assolutament xejn. U l-istedina għadha s'issa illi jagħtini l-informazzjoni ħalli jien nieħu passi.
>
> Irrid ngħid, Sur President, illi issa, qabel jien dħalt hawnhekk, id-Deputat Prim Ministru avviċinani u tani żewġ ismijiet wara li jien għedtlu "Jekk għandek tgħidli, għidli." Għaldaqstant jien se nivverifika dawn il-fatti, għalkemm jien diġà d-Deputati kollha qaluli li mhux veru illi ttallbu li xi ħadd jaqbeż il-kju, u jekk kien hemm xi ħadd li talab informazzjoni dwar saħħtu jew dwar saħħet ħaddieħor, kienet għaliex dak li jkun ikun irid jiċċara l-affarijiet jekk xi ħadd jaħseb li jista' jkun li kellu jirċievi l-invit qabel.
>
> Allura jien, Sur President, abbażi tar-regolamenti 60 u 61 tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra qed nitlob lilek tagħtini l-protezzjoni u tagħti *ruling* dwar ksur ta' privileġġ għaliex qatt u qatt ma huwa aċċettabbli li din l-istituzzjoni tintuża biex nagħmlu u niskorjaw punti politiċi, partikolarment fejn tidħol is-saħħa tan-nies. Dan mhuwiex aċċettabbli. Huwa evidenti li malli d-Deputat Prim Ministru u l-Prim Ministru jħossuhom darhom mal-ħajt, ir-risposta tkun li nipprovaw nitfgħu l-mejda fuq ħaddieħor. Jien dan m'iniex ser inħallih u lanqas se nkun qiegħed naċċettah. Grazzi.".

Hawnhekk is-Sedja tat il-kelma lid-Deputat Prim Ministru Chris Fearne, li kien fil-Kamra waqt li tressqet il-mozzjoni ta' ksur ta' privileġġ mill-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni, u huwa rrisponda hekk:

> "**ONOR. CHRIS FEARNE:** Sur President, nieħu pjaċir illi l-Kap tal-Oppożizzjoni qiegħed jikkonferma dak li għedt jien… Anzi ħalli ngħidha bil-maqlub. Nikkonferma dak li qal il-Kap tal-Oppożizzjoni. Jiġifieri iva, li lbieraħ kellna din id-diskursata u jien għedtlu: Jekk taf b'xi allegazzjonijiet għidli ħalli nieħu passi. S'issa għadhom ma tahomlix però nieħu pjaċir jekk jgħaddihomli u nieħu l-passi. (Interruzzjonijiet) Nikkonferma wkoll li le, ma kontx qiegħed nirreferi għall-Onor. Claudette Buttigieg kif diġà semmejt aktar kmieni u nikkonferma dak li qal hu, li ddiskutejna bejnietna. Nikkonferma wkoll li llum għaddejtlu żewġ ismijiet u nieħu pjaċir li qed jgħid li huwa se jinvestigahom. Aktar minn hekk m'għandix xi ngħid imma iva, nikkonferma dak li qal l-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni.".

Is-Sedja mbagħad qalet li se tara t-talba tal-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni u tagħti d-deċiżjoni fi stadju ulterjuri.

Fil-konsiderazzjoni ta' dan il-każ is-Sedja nnotat illi peress illi tressqet fl-ewwel opportunità, il-mozzjoni għal ksur ta' privileġġ kif imressqa mill-Kap tal-Oppożizzjoni hija konformi mal-Ordni Permanenti 36 li jgħid:

> "**36.** Mozzjoni dwar kwistjoni ta' privileġġ li tinqala' waqt is-seduti tal-Kamra għandha dritt għall-preċedenza fuq kull xogħol ieħor."

Is-Sedja rat illi l-mozzjoni mill-Onor. Bernard Grech saret fl-istess seduta li il-kwestjoni, ċjoè fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2021. Is-Sedja rat ukoll l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra 60 u 61 li jgħidu illi:

> "**60.** Ebda membru ma għandu juża kliem offensiv jew mhux xieraq kontra l-karattru jew il-proċeduri tal-Kamra jew b'riferenza għal xi membru tagħha. Ebda intenzjoni ħażina ma għandha tiġi attribwita lil xi membru.
>
> **61.** Kull membru li jkun uża kliem oġġezzjonabbli u li ma jirtirax l-istess, jew ma joffrix apoloġija għall-użu tagħhom, għas-soddisfazzjon tal-Kamra, għandu jiġi ċensurat jew trattat xort'oħra kif il-Kamra jidhrilha xieraq u kull membru msejjaħ għall-ordni għandu joqgħod bilqiegħda kemm-il darba ma jitħalliex jispjega ruħu.".

Is-Sedja tinnota li l-Kap tal-Oppożizzjoni ressaq ksur ta' privileġġ u għaldaqstant is-Sedja kellha wkoll tara jekk tali allegat ksur imurx kontra l-Ordinanza tal-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra Kap 113, partikolarment is-Subartikolu 11(4) li jelenka x'inhuma r-reati li jistgħu jitqiesu li jmorru kontra dan l-Att. Fost dawn ir-reati nikkwota l-paragrafu 11(4)(b) li jgħid hekk:

> (b) kull insult jew nuqqas ta' qima lill-persuna li tkun tippresjedi laqgħa tal-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha u kull insult jew nuqqas ta' qima lil wieħed mill-Membri tal-Kamra, ukoll jekk dak il-Membru ma jkunx preżenti fil-waqt tal-insult jew tan-nuqqas ta' qima, meta fil-każ il-wieħed jew l-ieħor l-insult jew in-nuqqas ta' qima jsiru quddiem il-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha waqt xi laqgħa tagħhom;

Is-Sedja rat il-fatti tal-każ, inkluż l-interventi tal-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni u tad-Deputat Prim Ministru, u sussegwentement imxiet mal-prassi li dejjem imxiet magħha meta tinqala' kwestjoni ta' ksur ta' privileġġ ċjoè li tara jekk il-persuna jew persuni li qed jiġu indikati mill-Kap tal-Oppożizzjoni li qed jallega fil-konfront tagħhom id-Deputat Prim Ministru, humiex persuni identifikabbli. Din il-prassi toħroġ mnn diversi *rulings* preċedenti li tat l-istess Sedja, fosthom dak mogħti fis-Seduta 362 tad-29 ta' Frar 2016, dwar punt imqajjem mill-Onor. David Agius dwar allegat użu ta' kliem mhux parlamentari mill-Onor. Chris Cardona, u nikkwota:

> "Il-liġi hawnhekk tagħmilha ċara li biex dak li jkun qal Membru, f'dan il-każ allura dak li qal l-Onor. Anton Refalo, jitqies bħala insult, irid ikun insult li jkun indirizzat lejn persuna identifikabbli bħala Membru ta' din il-Kamra. Fil-fatt il-liġi tgħid "lil wieħed mill-Membri tal-Kamra", jiġifieri l-persuna trid tiġi identifikata. Dan joħroġ ukoll ċar minn artikolu 252(1) tal-Kodiċi Kriminali fejn jingħad li l-inġurja trid tkun indirizzata lejn persuna identifikabbli, u nikkwota:
>
> > "Kull min, bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta' xi ħadd, iweġġgħu bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa.".".

Din l-istess bażi kienet applikata fid-deċiżjoni mogħtija fis-Seduta 303 tat-2 ta' Marzu 2020, dwar talba mqajma mill-Onor. Karol Aquilina dwar kumment tal-Onor. Alex Muscat waqt laqgħa tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi. F'din id-deċiżjoni s-Sedja kienet qalet hekk, u nikkwota:

> "... is-Sedja xorta ma tistax tqis li l-kumment tal-Onor. Muscat fil-konfront ta' Membru identifikabbli, u ċjoè tal-Onor. Aquilina, jista' jitqies li jaqa' taħt dak li ġieli kemm is-Sedja kif ukoll Speakers preċedenti rreferew għalih bħala *political bickering*.".

Fid-deċiżjoni li tat fis-Seduta 145 tas-17 ta' Ottubru 2018, fuq punt imqajjem mill-Ministru Chris Cardona fir-rigward ta' *tweet* tal-Onor. Jason Azzopardi, is-Sedja wkoll applikat din il-bażi, u nikkwota:

> "Is-Sedja se tara jekk dak li kiteb l-Onor. Azzopardi fit-*tweet* jistax jinftiehem b'mod li kien qed jagħmel referenza għal Membru Parlamentari partikolari.".

F'dan ir-*ruling* is-Sedja kienet qalet ukoll:

> "Is-Sedja qieset dak li ntqal fl-Aġġornament hawn fuq ċitat ukoll fid-dawl tat-talba għall-istqarrija ministerjali li saret mill-Onor. Jason Azzopardi jumejn qabel fil-Parlament. Abbażi ta' dan, is-Sedja qed tasal għall-konklużjoni li allura t-*tweet* tal-istess Onor. Azzopardi ma kienx wieħed ġeneriku – kif kien il-każ fir-*ruling* imsemmi aktar 'il fuq – iżda kien qed jirreferi għal Membru Parlamentari identifikabbli, il-Ministru Chris Cardona.".

Għalkemm is-Sedja tifhem illi l-Onor. Chris Fearne għadda żewġ ismijiet lill-Kap tal-Oppożizzjoni ftit qabel ma l-istess Kap tal-Oppożizzjoni qajjem il-ksur ta' privileġġ fl-istess seduta tat-3 ta' Marzu 2021, l-ebda wieħed minn dawn l-ismijiet li rreferew għalihom kemm id-Deputat Prim Ministru Chris Fearne kif ukoll l-istess Kap tal-Oppożizzjoni ma ssemmew fis-seduta li kienet għadejja. Għaldaqstant, il-fatt li l-ebda Membru tal-Kamra ma huwa

identifikabbli peress li l-ebda Membru ma ssemma fis-seduta tat-3 ta' Marzu, is-Sedja ma tarax li dak li ġara fil-Kamra jammonta għal ksur ta' privileġġ fil-konfront ta' xi persuna identifikabbli.

Mingħajr preġudizzju s-Sedja tħoss, u tieħu l-opportunità li tissolleċita lid-Deputat Prim Ministru li jirrikonoxxi l-fatt illi l-Membri Parlamentari kollha, li fuq kollox huma rappreżentanti tal-poplu f'din l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż, biex jaqdu d-dover tagħhom bilfors iridu jkunu fiżikament fil-Parlament waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Is-Sedja tinnnota wkoll li x-xogħol tal-Parlament u tal-Kumitati fl-ebda mument ma ġie interrot minn mindu faqqgħet il-panedmija. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi is-Sedja tara li bħalma sar fir-rigward ta' sezzjonijiet oħra tas-soċjetà u ħaddiema bħall-membri tal-Korp tal-Pulizija, tal-Armata, tal-Wasteserv, tal-Qorti u diversi ħaddiema oħra li jiffaċċjaw il-pubbliku inġenerali, il-Membri Parlamentari u l-ħaddiema tal-Parlament għandhom jingħataw mill-aktar fis il-vaċċin kontra l-COVID-19 sabiex il-ħidma ta' din l-ogħla istituzzjoni ma tkunx fir-riskju li b'xi mod tiġi mxekkla. U dan bħalma diġà ġustament ingħata dan il-vaċċin lil membri oħra tal-pubbliku li jaqdu x-xogħol tagħhom fis-soċjetà, bħall-istess pulizija illi qegħdin jieħdu ħsieb is-sigurtà tal-Parlament.

Ir-*ruling* huwa deċiż.